# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1134

KAZ NRU. 1185

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mario Attard

u

Mekanika Limited

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data : 17 ta' Lulju 2000

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta ' ittra datata 17 ta' Ottubru 1997 Ref. MHS/TI/78/97 biex tigi processata skond il-Provvediment ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm wiehed-u-ghoxrin (21) seduta.

Is-Sur Mario Attard aktar 'il quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mill-avukat Toni Abela.

Mekanika Limited aktar 'il quddiem tissejjah il-kumpanija kienet assistita mill-avukat Richard Camilleri, is-Sinjura Anna Maria Darmanin, is-Sur Joseph Delia u s-Sur Juan Debattista.

**Xhieda**

| | | |
|---|---|---|
| Saviour Vella | - | Head Technical Department |
| Joseph Delia | - | Group Human Resources Director |
| Anna Maria Darmanin | - | Group Human Resources Executive |
| Joseph Bonnici | - | Assistant Project Manager |
| Andrew Farrugia | - | Sales Executive |
| Olivier Degiorgio | - | Managing Director |
| Joseph Grech | - | Contract Manager |
| Mario Attard | - | l-Appellant |
| Karl Azzopoardi | - | Trainee |
| Brain D'Amato | - | Impjegat tal-Pharmamed |
| Herman Carbone | - | Engineer Manager Pharmamed |
| Sharon Montebello | - | Segretarja Mekanika Ltd. |

**Dokumenti**

(1) Internal memorandum tal-kumpanija datat 30 ta' Settembru 1997;

(2) Kopja ta' ittra minghand Mario Attard lil Saviour Vella datata 3 t'Ottubru, 1997;

(3) Ittra mill-kumpanija lil Mario Attard datata 10 t'Ottubru, 1997;

(4) Ittra minghand Mario Attard lil Olivier Degiorgio;

(5) Curriculum Vitae tal-appellant;

(6) Process tal-Kaz Nru. 813 bid-Decizjoni Nru. 648 tat-3 t'Awissu 1995;

(7) Ittra datata 22 ta' Gunju, 1991 minn John Delceppo f'isem Kalkara Boat Yard Co Ltd lill-Manager tal-Medcomms Ltd fuq l-appellant;

(8) Ittra datata 11 ta' Novembru, 1993 mibghuta minn George Zammit Briffa f'isem Captain Morgan Cruises Ltd lill-Medcomms Ltd fuq Invoice No. 016209/016210;

(9) Ittra datata 5 t'Ottubru, 1993 mibghuta lill-Managing Director tal-Medcomms Ltd lill-General Manager ta' Captain Morgan Cruises Ltd fuq l-appellant;

(10) Ittra datata 12 ta' Novembru 1993 mibghuta lill-Adrian Zammit Tabone f'isem Captain Morgan Cruises Ltd. lill Medcomms Ltd. fuq l-appellant;

(11) Sketch ta' pjanta;

(12) Zewg ritratti li juru fejn kien l-iskip.

**Il-Mertu tal-Kaz**

L-appellant fl-iStqarrija tal-Kaz isostni li fiz-zmien li ghamel jahdem mal-kumpanija kellu *record* tajjeb hafna tant illi l-Head Technical Department, Ing. Ruben Buhagiar B. Eng (Mech) Hons fit-28 ta; Awissu 1996 qabel ma telaq mill-kumpanija tah certifikat b'rakkomandazzjoni ta' kwalita gholja hafna. Allega li l-Head Technical Department is-Sur Saviour Vella li gie impjegat warajh qabad mieghu tant illi fl-ewwel sitt xuhur tal-impieg tieghu mal-kumpanija ghal ragunijiet misterjuzi ghazel li b'mod inuman fi zmien qasir ta' xahrejn tah tliet *written warnings* u hames *charges*. F'25 sena f'impieg differenti qatt hadd ma hass il-htiega li jaghtieh xi *written warning* jew *charge*. L-appellant isostni li gie mkecci mill-impieg bla ebda raguni serja u ghalhekk it-terminazzjoni tieghu kienet wahda ngusta.

Il-kumpanija fl-iStqarrija tal-kaz tghid li l-appellant ghandu *record* ta' twissijiet kemm verbali kif ukoll bil-miktub. Ukoll illi fil-25ta' Awissu 1997, zamm ghalih minghajr permess materjal tal-kumpanija. Il-kumpanija permezz tas-Sur Saviour Vella, Head tat-Technical Department qallu biex jirritorna il-materjal pero' dana baqa' m'ghamlux. Is-Sur Joseph Delia, Group Human Resources Director ta' Gasan

Group of Companies, li l-kumpanija appellata tifforma parti, ghamillu enfasi biex jirritorna l-materjal in kwistjoni pero' dan baqa' m'ghamlux. Abbazi ta' dana l-kumpanija hasset li kellha tittermina l-impieg ta' l-appellant.

L-appellant jallega li s-Sur Saviour Vella, "*is aiming to kick me out of Mekanika even if he has to fabricate childish facts. Or he is trying to impress his superiors at the expense of others*" (Dok 4) prezentat mill-appellant.

Il-kumpanija ipprezentat twissija bil-miktub datata 25 ta' Gunju 1997 (Dok 1a), twissija bil-miktub datata 18 ta' Settembru 1997 (Dok 3), fit-18 ta' Settembru 1997 il-kumpanija talbet lill-appellant biex jaghti spjegazzjoni ta' ghemilu sas-27 ta' Awissu 1997 dwar il-misappropriazzjoni ta' materjal tal-kumpanija fejn taghtu zmien sa-24 ta' Settembru 1997. Il-Kumpanija sostniet illi nvista li ma ezonorax ruhhu mic-*charge* migjub kontrieh skond ittra tal-kumpanija datata 18 ta' Settembru 1997 il-kumpanija iddicediet illi invista tar-record industrijali tieghu ma kelliex mezz iehor hlief li tittermina s-servizzi tieghu mill-kumpanija.

Dan il-kaz kien ibbazat pricipalment fuq zewg fatturi, numru ta' twissijiet u misappropriazzjoni ta' materjal tal-kumpanija.

It-Tribunal innota illi ghalkemm kienu dawn iz-zewg fatturi li gaghlu lill-kumpanija tasal ghall-pass li tkecci lill-appellant, matul is-smigh tal-kaz l-aktar li enfazizzat il-kumpanija kien dwar in-nuqqas tar-ritorn tal-istrixxi tal-*aluminum* li kienu jaghmlu parti mill-propjeta tal-kumpanija u li kienu fil-fabbrika tal-Pharmamed Ltd.

Is-Sur Saviour Vella kkonfronta lill-appellant wara li rah hiereg b'materjal tal-kumpanija mill-fabrika tal-Pharmamed. Ghabba zewg strippi tal-*aluminum* twal bejn wiehed u iehor tliet metri fuq ir-*rack* tal-van. Is-Sur Vella qal li wara li rritornaw l-ufficcju tal-kumpanija, staqsieh fejn huma dawk l-istrixxi li kien ghadu kemm ghabba fuq ir-*rack* tal-van, qallu li kien hadhom id-dar. Vella qallu biex igibhom il-kumpanija u l-appellant qallu li se jgibhom. Invista li ma irritornahomx kif kien qal, is-Sur vella tah zmien biex igibhom.

Is-Sur Joseph Delia xehed li l-appellant fil-15 ta; Settembru 1997 mar ghandu l-ufficcju u qallu, " qed tarahom dawn l-istrippi ta' l-*aluminium* u din il-kaxxa dawn kienu qeghdin f'post fejn qed naghmlu x-xoghol, u dawn kienu qeghdin ghar-rimi. Jien hadthom flok intremew u fuq hekk iridu jkeccuni ". Is-Sur Joseph Delia wiegbu, " Dawn mhux tieghek u allura m'ghandek l-ebda dritt tapproprija ruhek minnhom". Mistoqsi mid-difensur tal-kumpanija kemm kienu twal l-istrippi, irrisponda li kienu bejn wiehed u iehor hames piedi ghax meta gabhom l-ufficcu tieghu ra li kienu kwazi t-tul personali tieghu "

Is-Sinjura Anna Maria Darmanin xehdet li s-Sur Saviour Vella kien imur ghandha u jghidilha repetutament li ghandu problema bl-appellant li ma kienx isegwi l-istruzzjonijiet li jaghtih u minhabba f'din l-attitudni kellhom johorgulu struzzjonijiet f'dan is-sens. Hi, is-Sur Vella u l-appellant kienu ltaqghu sabiex jaraw kif jistghu jirrangaw is-sitwazzjoni. Ma kienx hareg rizultat peress li l-appellant baqa' jsostni li ma ghandux jiddiskuti r-relazzjonijiet tieghu fid-dipartiment ghax sostna li ghandu jiehu apologija formali mis-Sur Vella ghaliex hariglu l-*warning*.

Is-Sur Joseph Bonnici xehed li hu Assistant Project Manager pero' f'Awissu 1997 kien Supervisor, qal li l-*aluminum* li jibqa *surplus* jiktbu u nibaghtuh l-*istore*. Bicca ta' metru jew ftit anqas minn metru jibghathom lura. Mistoqsi mid-difensur tal-appellant jekk qatt irraporta li kien hemm materjal nieqes, irrisponda li qatt ma rrapporta.

L-appellant xehed li hu qatt ma ha materjal tal-kumpanija. Ikkwota x'qal is-Sur Bonnici meta xehed, li hu l-bnediem responsabbli mill-materjal ta' fuq is-*site*, fejn dana qal car u tond li ma sabx materjal nieqes. Sostna li hu ma hax strippi ta' l-*aluminum* ta' diversi metri, izda li kienu bictejn strippi ta' l-*aluminium* li gabar minn go l-*iskip* li kienet barra t-triq vicin il-fabbrika Pharmamed. Spjega li hu jmur fuq il-lant tax-xoghol meta il-haddiema ndustrijali jispiccaw ix-xoghol taghhom. Qal li xogholu hu li jmur fuq is-*site* u jibda jhaddem dak l-apparat li jkun diga installat. Ix-xoghol spiccawh fl-14 ta' Awissu 1997 u wara din id-data hadd minn dawn il-haddiema ma resaq lejn is-*site*. Qal li l-istrippi gabarhom mill-*iskip* fil-21 ta' Awissu 1997. Sostna li l-kumpanija gabret il-materjal minn fuq is-*site* meta spicca x-xoghol fl-14 ta; Awissu 1997.

Karl Azzopardi xehed li kien jahdem mal-appellant. L-appellant kien gabar bicciet ta' l-*aluminum* mill-*iskip* ta' qisien differenti. L-itwal bicca kienet ta' madwar metru mhux izjed. Mistoqsi mid-difensur tal-kumpanija jekk kienx hemm aktar materjal irrisponda li kien hemm ma' l-art ghax kienu ghadhom qed inadfu. Fuq mistoqsija jekk rabatx xi haga fuq il-*carrier* tal-van irrisponda li ma rabat xejn hlief is-sellum.

**Trattazzjoni Finali**

Il-kumpanija tghid li c-cirkostanzi li wasslu ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant huwa li zamm ghalih minghajr permess materjal tal-kumpanija u li ghandu rekord ta' twissijiet kemm verbali kif ukoll bil-miktub. It-twissijiet bil-miktub igibu id-dati : 25 ta' Gunju 1997, 29 ta' Lulju 1997, 17 ta' Settembru 1997 u 18 ta' Settembru 1997.

Fis-sottomissjonijiet finali il-kumpanija enfasizzat li s-Sur Saviour Vella ra lill-appellant hiereg mill-*premises* tal-kumpanija Pharmamed b'zewg strixxi ta' l-*aluminium* li kienu materjal li l-kumpanija tuza fix-xoghol taghha. L-appellant rabat dawn iz-zewg strippi fuq il- van li kien qed juza. Meta wasal lura l-*premises* tal-kumpanija l-Gzira, is-Sur Saviour Vella staqsa lill-appellant fejn huma l-istrippi peress lil ma kienux fuq il-van u kien tah il-permess biex jiehu dak il-materjal. Irrizulta li hadd ma kien tah permess. L-appellant qal lis-Sur Vella li l-ghada kien ser igib lura l-materjal in kwistjoni. Invista li naqas li jirritorna lura l-materjal il-kumpanija harget *charge* bil-miktub fl-10 ta' Settembru 1997.

Fil-15 ta' Settembru 1997 l-appellant mar ikellem lis-Sur Joseph Delia biex ighidlu fuq ic-*charge* u ha mieghu l-materjal in kwistjoni. Is-Sur Delia tah parir u enfasizza mieghu li hu kellu jirritorna dak il-matrjal lill-kumpanija u jispjega l-kaz lis-Sur Vella. L-appellant baqa' ma rritornax l-materjal lill-kumpanija.

L-appellant fis-sottomissjonijiet finali jghid li l-kawza principali li wasslet lill-kumpanija tittermina l-impjieg tieghu kien is-Sur Saviour Vella ghar-ragunijiet li jafhom hu biss a kull kost ried li jkeccieh mill-impieg.

L-inkwiet li kellu mal-kumpanija rrizulta fis-sebgha xhar li s-Sur Vella kien ilu mpjegat mas-socjeta' appellata. Is-Sur Oliever Degiorgio fix-xhieda tieghu jghid li fis-sentejn li l-esponent kien ilu mal-kumpanija la kellu rapporti avversi kontra tieghu u li r-relazzjonijiet kienu normali.

L-appellant isostni li malli spiccaw is-Sur Bernard Azzopardi u s-Sur Rouben Buhagiar minn superjuri tieghu u gie s-Sur Saviour Vella mill-ewwel bdew jihzienu r-relazzjonijiet ta' bejniethom. L-appellant jghid li dawn il-*warnings* kollha hargu bi skop li jpogguh f'pozizzjoni kera. Hu rrisponda kull *warning* li rcieva. Rigward il-materjal isostni li gabru minn l-*iskip* li kienet barra mill-*premises* tal-Pharmamed.

**<u>Konkluzjoni</u>**

L-appellant gie terminat mill-impieg tieghu b'ittra tat-2 ta' Ottubru 1997. Kien ilu fl-impieg mis-17 ta' Lulju 1995. Fuq ic-*charges* li kellu mal-kumpanija l-appellant jghid li kollha kienu bi skop biex jitkecca mill-impjieg tal-kumpanija. Jghid ukoll li kien fiz-zmien li gie fl-impjieg bhala kap tieghu is-Sur Saviour Vella li beda l-inkwiet. Il-*warnings* u l-kaz tal-istrippi kollha juru li s-Sur Vella ried jara ma x'hiex jaqbad. Jichad li ha strippi ta' tul li semma s-Sur Vella fix-xhieda tieghu, tul ta' bejn wiehed u iehor tliet metri. Dawn kienu bicciet mormija fl-*iskip* u l-itwal bicca kienet ta' madwar metru. Is-Sur Vella xehed li l-istrippi ghabbihom fuq ir-*rack* tal-van waqt li s-Sur Karl Azzopardi xehed li l-appellant gabar il-bicciet ta' l-*aluminium* minn go l-*iskip* u li kienu ta' qisien differenti l-akbar bicca kienet ta' bejn wiehed u iehor madwar metru. Xehed ukoll li ma ghabbihomx fuq ir-*rack* tal-van, hemm pogga s-sellum biss u rabtu.

Il-kumpanija tghid li c-cirkustanzi li wasslu ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant huma li zamm ghalieh minghajr permess materjal tal-kumpanija u li ghandu *record* ta' twisijiet kemm verbali kif ukoll bil-miktub.

Sew matul is-smigh tal-kaz kif ukoll fit-trattazzjoni finali l-kumpanija ghamlet il-kaz taghha l-aktar fuq it-tehid bla permess ta' l-materjal li tghid li kien tal-kumpanija.

It-Tribunal Industrijali josserva li fir-rigward tal-materjal ma kienx hemm konsistenza

ta' fatti cari bizejjed. Is-Sur Vella xehed li l-istrippi kienu ta' tul bejn wiehed u iehor ta' tliet metri u li rabathom fuq ir-*rack* tal-van. Sew l-appellant u s-Sur Karl Azzopardi xehdu li l-itwal bicca kienet ta' madwar metru. Is-Sur Delia xehed li l-itwal bicca li kellu kienet it-tul tal-appellant. Kien ix-xhud Karl Azzopardi li qal li rah jigborhom mill-*iskip*.

It-Tribunal ma jarax li ghandu jara bhala argument validu li l-appellant ha materjal tal-kumpanija bla permess meta la rrizulta qbil dwar numru ta' strippi, la dwar it-tul ta' l-istrippi, la li tpoggew fuq ir-*rack* tal-van u l-anqas li ma kienux fl-*iskip*.

Ghar-rigward tat-tieni kaz li l-appellant ghandu record ta' twissijiet kemm verbali u kif ukoll bil-miktub, it-Tribunal ma jistax ma josservax li f'dan il-kaz kien hemm nuqqas ta' obbidjenza u rispett kif mehtieg lejn id-direzzjoni tas-superjuri da parti ta' l-appellant.

It-Tribunal Industrijali wara li kkonsidra c-cirkustanzi kollha, qara u ezamina bir-reqqa l-volum enormi ta' xhieda u diversi dokumenti prezentati flimkien mat-trattazzjoni finali u addizzjonali tal-partijiet isib illi l-appellant naqas milli josserva kif hu mehtieg ir-regoli komuni tad-direzzjoni ta' bejn l-impjegat u s-superjuri tieghu.

Fic-cirkustanzi t-Tribunal Industrijali jaqta' u jiddeciedi li t-tkeccija mill-impieg ta' l-appellant kienet ghar-raguni gusta.

Ghall-finijiet tal-avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drttijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm40 (erbghin lira Maltin)

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

---------------------------------
**Alphonse Caruana**
**CHAIRMAN**

---------------------------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**